# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Marzu 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 28/2022 BS**

**MC**

**-vs-**

**LB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi MC illi ppremettiet:**

1. [IL]LI hija iżżewġet [sic] lil LB fit-tlieta (3) ta' Settembru elfejn u ħdax (2011) u ċ-ċertifikat taż-żwieġ relat[t]iv ġie iskritt fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv mija u ttliea [sic] u

erbgħin ta' dik l-istess sena (143/2011) (Dokument A anness);

2. ILLI minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt (2) itfal, MB, li twieled fil-25 ta' Lulju 2012; u KB, li twieled fit-18 ta' Awwissu 2014;

3. ILLI l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn sena tant li fis-7 ta' Ottubru 2020 kienu ġa nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni ta' bejniethom u dik is-separazzjoni ġiet imbagħad formalizzata bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo tas-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu elfejn u wieħed u għoxrin (2021);

4. ILLI bis-saħħa ta' dak il-kuntratt, huma kienu kienu [sic] ft[i]ehmu dwar il-kura u kustodja u l-ħinijiet ta' aċċess rispettiv tal-ġenituri għall-ulied u dak kollu li jirrigwarda t-trobbija tal-ulied;

5. ILLI kif huwa magħruf materji bħal ma [sic] huma kura u kustodja tal-ulied ħinijiet ta' aċċess għall-ulied da part ital-ġenituri [sic] u l-ammont ta' manteniment pagabbli mill-ġentiuri dwar l-ulied huma suġġetti għal tibdil kemm bi ftehim bejn il-ġenituri kif ukoll fuq talba unilaterali ta' xi wieħed fosthom jekk dan ikun fl-aħjar interess suprem tal-ulied u/jew ikunu sdeħħew [sic] tibdil sostanzjali fiċ-ċirkustanzi tal-ulied u/jew tal-ġenituri jew ta' xi ħadd fosthom;

6. ILLI l-esponenti temmen li fil-każ tagħha u uliedha [sic] seħħ tibdil fiċ-ċirkustanzi li jimmerita tibdil f'dawn il-modalitajiet u dan **b'mod partikolari imma mhux biss** peress li illum [sic] il-ġurnata:

   a. l-esponenti hija impjegata f'Malta u tgħix Malta;

b. hija ma kienitx [sic] ser tlaħħaq mal-ispejjeż tal-ħajja tagħha u ta' uliedha [sic] u mal-ħlasijeit [sic] lura tas-self li hija ħadet mill-bank li kieku żammet l-impjieg u l-iskala ta' paga li kellha dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni bejnha u bejn l-intimat;

c. hija tinsab f'relazzjoni stabbli ma' persuna li tgħix u taħdem Malta, u għandha l-ħsieb li tiżżewweġ fis-sena 2024;

d. fil-preżent hija kostretta li, sabiex tottempra ruħha mal-kundizzjonijiet pattwiti fil-kuntratt ta' separazzjoni, tikri appartament ġewwa Għawdex unikament sabiex l-ulied jordqu [sic] fih tliet darbiet fil-ġimgħa;

e. Mentri fir-rigward tal-intimat, irriżulta pależament li huwa ma huwiex qiegħed jiddedika l-ħin u attenzjoni li, skont il-kuntratt ta' separazzjoni, huwa kien assuma fil-konfront ta' uliedu [sic];

f. infatti, il-maġġor parti mill-ħin li l-ulied suppost iqattgħu mal-missier huma effettivament qegħdin jgħadduhom man-nanna paterna tagħhom.

7. ILLI huwa wkoll fl-interess suprem tal-ulied li jiġu varjati l-modalitaijiet li jirregolaw it-trobbija tagħhom, l-aċċess da parti ta' kull wieħed mill-ġenituri għall-ulied, u l-post fejn huma għandhom jitrabbew;

8. ILLI l-esponenti diġà għamlet tentattiv sabiex tasal fi ftehim mal-intimat dwar dawn il-materji imma l-medjazzjoni li hija fetħet fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni Nru. /2022 [sic] ma tawx il-frott meħtieġ u hija ġiet

awtorizzata li tipproċedi fil-kontenzjuż dwarhom permezz ta' digiret ta' din l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' Lulju 2022 — anness.

**Talbet lil Din l-Onorabbli Qorti:**

a. Tiddikjara li fil-każ preżentaw jeżistu ċirkustanzi ġodda kemm fir-rigward ta' kull wieħed mill-ġenituri kif ukoll fir-rigward tal-ulied infushom li jiġġustifikaw tibdil fil- l-modalitajiet [sic] li jirregola it-trobbija tagħhom, l-aċċess da parti ta' kull wieħed mill-ġenituri għall-ulied, u l-posta fejn għandhom jitrabbew l-ulied;

b. Tordna li jkun hemm tali tibdil, b'mod partikolari dwar il-post fejn għandhom jitrabbew l-ulied, l-aċċess li għandhom igawdu l-ġenituri għall-ulied komuni, u l-manteniment li għandu jħallas l-intimat bħala kontribuzjoni għall-ispejjeż ta' trobbija tal-ulied;

c. Tiffissa modalitajiet ġodda li jkunu iktar jaqblu mal-interess suprem tal-ulied, u maċ-ċirkustanzi attwali ta' kull wieħed mill-ġenituri tagħhom.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut LB illi eċċepixxa:**

1. ILLI preliminarjament ir-rikors maħluf tar-rikorrenti huwa formalment monk stante illi r-rikorrenti ma ottempratx ruħha mal-forma mandatorja enunċjata fl-aritklu 156 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma jidhirx l-avviż, lanqas ma hemm elenkat l-isem u l-indirizz sħiħ tal-partijiet fl-okkju kif ukoll il-lista tax-xhieda ma segwitx il-kriterji elenkati fl-istess artiklu 156(8). Barra minn hekk id-dokumenti li huma msemmija fir- rikors promotur ma humiex annessi mal-

istess u dan a kontrarju ta' dak mehtieġ ai termini tal-artiklu 156(2) tal-Kap 12;

2. ILLI preliminarjament d-debita awtorizazzjoni tal-Qorti Onorabbbli sabiex il-partijiet jersqu għal[l]-proċeduri kontenzjużi qatt ma ġie a konjizzjoni tal-esponenti u lanqas ma hu ippreżentat [sic] mal-atti odjerni. Għaldaqstant fin-nuqqas ta' tali awtorizazzjoni dawn il- proċeduri huma monki u nulli;

3. ILLI fil-mertu it-talbiet tar-rikorrenti huma [i]nfondati fil-fatt u fid-dritt u jirresalu fuq il-fieragħ u vessatorju u għandhom jiġu miċħuda;

4. ILLI l-partijiet rregolaw it-trobbija tat-tfal b'mod eżawrijenti fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom liema kuntratt ġie awtorizzat minn din il-Qorti Onorabbli **kif preseduta**, ftit aktar minn sena ilu u ċertament l-aħjar interess tal-minuri ġie issalvagwardjat [sic] bl-aktar mod ampju u sħiħ;

5. ILLI ma hemm l-ebda ċirkostanza ġdida jew li ma setgħetx tipprevediha r-rikorrenti fiż-żmien tal-kuntratt jew inkella ġara xi akkadut ta' natura gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volontà tal-attriċi li ġabitha fl-impossib[b]ilità li tħares u tonora l- pattijiet kollha assunti minnha fil-kuntratt ta' separazzjoni u dan kif ser jirriżulta mil[l]-provi kif ukoll mil[l]-atti ta' divorjzu tar-rikorrenti stess, fejn inter alia mil[l]-atti tad-divorzju għandu jirriżulta li ma kien hemm ebda problema fl-aċċess, fil-kura tal-ulied u fil-manteniment;

6. ILLI a kuntrarju ta' dak li qed jingħad u jiġi ssuġerit, l-esponenti għandu għal qalbu t-trobbija ta' uliedu [sic] liema trobbija u għożża hija l-pri[j]orità ewlenija tiegħu u l-ulied igawdu relazzjoni ottima mal-istess ġenitur u qatt ma wrew ebda inklinazzjoni li jridu jnaqqsu l-kuntatt mal-missier, u dan kif ser jirriżulta ampjament mil[l]-provi. In oltre l-aħjar interess tal-minuri huwa li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom u t-tfulija fl-ambjent li imdorrijin fih;

7. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk r-rikorrenti issib [sic] diffikultà li żżomm l-ulied minuri kif patwit fil-ħinijiet akkordati lilha propju għaliex għażlet li tmur taħdem Malta, sitwazzjoni li ġabet f'idejja [sic] stess, l-esponenti jissottometti bir-rispett li għal din id-deċiżjoni unilaterali, ma għandhomx ibatu l-ulied jew l-esponenti u minn naħa tiegħu huwa ma jsib ebda diffikultà li it-tfal [sic] jibqgħu miegħu hawn Għawdex waqt li l-omm tkun Malta.

Għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet kollha attriċi għandhom jiġu miċħuda.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti li minn issa hija inġunta in subizzjoni.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Ai fini tal-artiklu 158 tal-Kapitlu 12, l-intimat bl-akbar rispetto jiddikjara illi:

1. L-ewwel premessa ma hix ikkontestata in kwantu r-referenza għad-data taż-żwieġ bejn il-partijiet però jiġi rilevat li d-dokument indikat bħala anness ma hux in atti;

2. Illi t-tieni premessa ma hix ikkontestata u għalhekk illum il-minuri għandhom għaxar u tmien snin, rispettivament;

3. Illi it-tielet [sic] premessa qed tiġi ikkontestata [sic] in kwantu illi għalkemm il-partijiet iffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni fid-data indikata ir-relazzjoni [sic] ta' bejniethom kienet tali li r-rikorrenti kienet ilha tipprepara u twitti it-triq għas-separazzjoni billi kienet diġà ilha tikri fond għal rasha, daħlet f'konvenju ad insaputa tal-esponenti u kienet ukoll diġà q[i]egħda f'relazzjoni extra maritali ma' Josef Spiteri li huwa residenti u kien anke f'dak iż-żmien mil[l]-Ħamrun Malta, u dan kif ser jiġi dettaljament ipprovat fil-mori tal-proċeduri;

4. Illi r-raba' premessa qed tiġi kkontestata stante illi il-kuntratt ta' separazzjoni li r-rikorrenti għoġobha li lanqas tippreżentah, mhux biss jirregola il-kura [sic] u kustodja konġunta u aċċess iżda bil-klawżola [sic] numru tmienja (8) il-partijiet [sic] qablu li l-pajjiż ta' domiċilju tal-ulied għandu f'kull każ jibqa' Malta, **b'dana illi l-ulied għandhom ikomplu jirrisjedu u jittrabbew Għawdex u mhux Malta sakemm isiru maġġjorenni.** Illi fid-disa' klawżola [sic] il-partijiet [sic] qablu li **ji[k]kommettu ruħhom u jadottaw bis-sħiħ is-sistema ta' co-parenting**. Illi fil-klawżola [sic] numru wieħed u għoxrin (21) il-partijiet irregolaw il-manteniment u qablu li l-ispejjez KOLLHA ta' edukazzjoni, saħħa u spejjeż extrakurrikulari għandhom jitħallsu ugwalment bejn iż- żewġ ġenituri., u il-modus [sic] vivendo u l-modus operandi bejn il-partijiet sal[-]lum dejjem [i]rrispetta dak patwit bejn il-partijiet;

5. Illi l-ħames premessa qed tiġi ikkontestata [sic] totalment għaliex ma hux minnu li kwistjonijiet ta' kura u kustodja u aċċess għall-ulied da parti tal-ġenituri u manteniment huma suġġetti għal tibdil merament fuq talba unilaterali tal-parti. Ara f'dan is-sens George Scicluna vs Sonya Scicluna, deċiż 26.07.2007AE. Illi sabiex isir bdil ta' kuntratt ta' separazzjoni li huwa sanċit bil-massima ta' pacta sunt servanda irid [sic] ikun seħħ xi akkadut ta' natura gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volontà tal-attriċi li ġabitha fl-impossib[b]ilità li tħares u tonora l-pattijiet kollha assunti minnha fil-kuntratt ta' separazzjoni, li ċertament ma huwiex lanqas remotatament il-każ odjern. Anzi pjuttost jidher li l-omm daħlet għal kuntratt ta' separazzjoni bħal ma [sic] daħlet għaż-żwieġ bl-intiza li dak li qed tintrabat fih hu merament għaliha rabta ċoff!;

6. Is-sitt premessa qed tiġi ikkontestata [sic] bis-sħiħ għal dawn ir-raġunijiet:

    a. L-esponenti ma hux f'pożizzjoni li jikkonferma fejn hi impjegata r-rikorrenti u taħt liema kundizzjonijiet hija ingaġġjat dan l-impjieg ġdid u/jew ħalliet l-impjieg li kellha preċedentement li kien wieħed finanzjarjament vantaġġjuż ferm;

    b. L-esponenti lanqas ma hu f'pożizzjoni jikkonferma il-pożizzjoni finanzjarja tagħha u l-elementi li qed jikkontribwixxu għall-istess f'dan l-istadju, u ċertament kemm din il-qagħda finanzjarja tagħha hijiex xi ħaġa li ġabitha b'idejha stess, meta l-esponenti jaf li l-impjieg tagħha li kellha dak inhar tal-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni kien jirrendilha introjtu tajjeb ferm;

c. Ir-relazzjoni mas-sieħeb Josef Spiteri kienet diġà teżisti qabel ir-rikorrenti ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni tant li qabel il-pub[b]likazzjoni tas-separazzjoni kienet diġà laqqgħet l-ulied minuri tagħha mal-istess Josef Spiteri u ma' uliedu [sic], u għalhekk ir- relazzjoni wieħed jifhem li kienet diġà waħda serja meta tittieħed imqar f'dan il-kuntest biss, u dan kif ser jirriżulta ampjament tul il-mori tal-proċeduri u huwa assolutament irrelevanti jekk tridx terġa' tiżżewweġ jew jekk fil-fatt terġax tiżżewweg jew le;

d. Illi l-kiri ta' appartament kien diġà qieghed fis-seħħ qabel il-kuntratt ta' separazzjoni u dan stante illi l-istess kera (temporanja) kienet ttieħdet in konsiderazzjoni mill-istess rikorrenti waqt it-trattativi tal-istess. Illi di più, il-kuntratt ta' separazzjoni kien ċar u inekwivoku fir-rigward ta' fejn kellhom jirrisjedu l-ulied minuri sakemm jilħqu l-età maġġiorenni [sic], u ċioè ġewwa l-gżira ta' Għawdex u mhux ta' Malta, u in fatti l-ulied jorqdu mal-omm alternattivament ħamest iljieli u erbat iljieli fil-ġimgħa. Illi di più, il-kera tal-appartment skont kliemha stess, u kif ser jirriżulta mis-smigħ tal-provi, kienet miżura temporanja intiża li tkopri madwar sena mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni sakemm tidħol toqgħod fl-appartament li kienet diġà fuq konvenju fuqu u li kien jinsab fix-Xagħra Għawdex.

e. Illi l-allegazzjoni li l-missier ma hux qed igawdi aċċess effettiv ma['] uliedu [sic] hija assolutament gidba sfaċċata stante illi l-esponenti qed juża l-ħin fdat lilu ma['] uliedu [sic] b'mod ampju u sħiħ u jgawdi relazzjoni tajba ħafna mal-ulied minuri tant li l-pri[j]orità ewlieni tiegħu huwa iż-żewġ [sic] uliedu, li għalih jiġu l-ewwel u qabel kollox;

f. Illi l-allegazzjoni li in-nanna [sic] materna qed tieħu post il-missier hija ukoll [sic] tgħawwig tal-verità stante illi fil-maġġjor parti tal-ħin, l-ulied ikunu ma' missierhom. Il-ħin li jgawdu man-nanniet paterni u maz-zija paterna, filwaqt li huwa ta' għożża u ta' importanza għall-istess minuri, ċertament jibni relazzjonijiet li l-ulied għandhom u li ilhom igawdu mil[l]-qrib minn età żgħira ħafna. Però, dan il-ħin ma għandux paragun mal-ammont u l-kwalità tal-ħin li l-istess minuri qed iqattgħu ma' missierhom u dan biex ma jissemmiex il-ħin li l-minuri iqattgħu [sic] man-nanniet materni;

7. Illi s-seba' premessa qed tiġi ikkontestata [sic] bis-sħiħ stante li l-aħjar interess tal-minuri huwa li jibqgħu jirrisjedu fejn qablu il-ġenituri flimkien u ċioè f'Għawdex sakemm isiru maġġorenni u li l-partijiet ikomplu iħaddnu bis-sħiħ is-sistema ta' co-parenting liema sistema indrat sew mil[l]-istess ulied sakemm l-omm minn żniedha iddeċidiet [sic] unilateralment li tgħaddi aktar ħin Malta, deċiżjoni li ma għandhiex taffettwa l-ulied iżda għandha taffettwa l-omm waħedha u dan stante li l-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal huwa li l-ġenituri għandhom iduru mal-ġid tat-tfal u mhux it-tfal ma' dak li jfettlilhom jagħmlu l-ġenituri;

8. Illi it-tmien premessa qed tiġi kkontestata stante li l-esponent qatt ma ġie notifikat bid-digriet tad-29 ta' Lulju u liema digriet lanqas ma huwa anness mal-atti.

**Rat** il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2022 fejn il-konvenut talab li jiġu trattati l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati minnu u l-attriċi rrimettiet ruħha;

**Rat** li dakinhar il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut;

**Rat** li fis-seduta tat-18 ta Jannar,2023 il-konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni u dan in vista tal-korrezzjoni fil-formula tar-rikors ġuramentat awtorizzata minn din il-Qorti. **Rat** ukoll li l-konvenut żamm ferm it-tieni eċċezzjoni;

Fl-istess seduta semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut.

**Fliet** l-atti fl-intier tagħhom inkluż l-atti tal-ittra ta' medjazzjoni 31/2022;

**Rat** li l-kawża ġiet differita għal-lum għal sentenza in parte fuq it-tieni eċċezzjoni.

**IKKUNSIDRAT:**

Permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fis-26 ta' Awwissu, 2021 billi skont hi nbidlu ċ-ċirkostanzi tal-partijiet u l-ulied minn meta kien iffirmat il-kuntratt imsemmi, b'tali mod illi llum hemm il-ħtieġa għal varjazzjonni fil-kuntratt ta' separazzjoni sabiex jiġi mħares l-interess suprem tal-minuri, ulied il-kontendenti f'din il-kawża.

Il-konvenut min-naha tiegħu jilqa' għat-talbiet attriċi billi fl-ewwel lok iqajjem l-eċċezzjoni illi l-attriċi ma ottemporatx ruħha mal-forma mandatorja skont l-Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fit-tieni eċċezzjoni preliminari jgħid li din ma kellhiex l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-Qorti biex tipproċedi fil-kontenzjuż wara l-għeluq tal-medjazzjoni u għalhekk l-azzjoni odjerna hija nulla. Barra minn hekk fil-mertu jgħid illi ma seħħet l-ebda ċirkostanza ġdida li tinneċċessita jew tiġġustifika tibdil fil-kuntratt ta' separazzjoni li ġie ffirmat mill-partijiet ftit aktar minn sena ilu. Jiċħad li kien hemm problemi fl-aċċess, fil-kura tal-ulied jew fil-manteniment u għalhekk it-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda.

**IKKUNSIDRAT:**

Il-Qorti fl-ewwel lok tosserva illi l-konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu wara li din il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni kif mitluba mill-attriċi.[1] Fid-dawl ta' dan il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Imiss issa li din il-Qorti tqis it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u ċjoè illi l-proċeduri odjerni huma nulli u monki billi il-Qorti ma awtorizzatx lill-attriċi sabiex tipproċedi fil-kontenzjuż wara l-falliment tal-medjazzjoni bejn il-partijiet.

Mill-atti jirriżulta li l-attriċi ppreżentat nota fis-17 ta' Novembru, 2022 u ma' din in-nota ġie anness id-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Lulju, 2022. Permezz ta' dan id-digriet il-Qorti wara li għamlet referenza għan-nota tal-medjatriċi tat-

[1] Seduta 18 ta' Jannar, 2023.

28 ta' Lulju, 2022, iddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u astjeniet milli tieħu konjzzjoni ulterjuri tagħha.

Din il-Qorti fliet ukoll l-atti tal-medjazzjoni li għalihom issir referenza fid-digriet ġa msemmi. Jirriżulta li fit-18 ta' Mejju, 2022 l-attriċi odjerna kienet talbet li tinfetaħ medjazzjoni bil-għan li jintlaħaq ftehim sabiex ikun hemm varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat mill-partijiet f'Lulju, 2021. Ma saret l-ebda talba mill-attriċi fin-nota tagħha biex jekk ma jintlaħaqx ftehim tiġi awtorizzata tipproċedi fil-kontenzjuż. Fil-25 ta' Mejju, 2022 il-Qorti ordnat lill-partijiet jidhru quddiem medjatriċi sabiex jibdew id-diskussjonijiet bejniethom.

Fit-28 ta' Lulju, 2022 il-Medjatriċi informat lill-Qorti li l-partjiet ma waslux fi ftehim u għalhekk il-medjazzjoni kellha tingħalaq.

Fid-29 ta' Lulju, 2022, il-Qorti għalqet il-medjazzjoni u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

L-argument tal-konvenut sollevat permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari huwa fis-sens li l-attriċi fl-ittra tagħha naqset milli titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tipproċedi fil-kontenzjuż u li ġaladarba l-Qorti għalqet il-medjazzjoni mingħajr ma awtorizzat lill-attriċi tipproċedi b'kawża, allura il-kawza odjerna minnha intentata hija monka u nulla għax mhux awtorizzata.

Il-Qorti fliet ir-Regolament numru 10 tal-Avviż Legali 397/2003 li jipprovdi kif ġej:

«*10.(1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet [sic] tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:-*

*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u aċċess ta' wliedhom; jew*

*(b) manteniment bejn il-konjuġi; jew*

*(ċ) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju; jew*

*(d) tibdil fi ftehim dwar kull ħaġa msemmija fil-paragrafu (a),*

*dik il-parti għandha, fl-ewwel lok, tippreżenta ittra fir-reġistru tal-Qorti fejn tgħid x'inhi t-talba tagħha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tiġi ppreżentata skond [sic] ma hemm f'dik id-diposizzjoni [sic].*

*(2) Il-Qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet [sic] tar-regolament 4(3).*

*(3) Il-medjatur għandu jimmedja bejn il-partijiet sabiex iwassalhom għal ftehim dwar il-kwistjoni ta' bejniethom u d-disposizzjonijiet [sic] tar-regolament 4(6) u (7) għandhom japplikaw għall-proċess ta' medjazzjoni.*

*(4) Meta l-partijiet jaslu għal ftehim, dan għandu jiġi reġistrat bil-miktub u jiġi [i]nserit fl-atti tal-proċeduri, li mbagħad għandhom jintbagħtu mill-medjatur lill-Qorti, li għandha kemm-il darba ma jkun hemm xejn kuntrarju għall-ordni pubbliku, tagħti digriet fuq il-kwistjoni.*

*(5) Meta l-partijiet ma jaslux għal ftehim, il-medjatur għandu jinforma lill-Qorti b'dan.*

*(6) Matul il-medjazzjoni kull waħda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti għall-ħruġ ta' kull ordni provviżorju jew il-ħruġ ta' kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu jew tagħha.*»

Rat ukoll Regolament 4 tal-istess Avviż Legali li jipprovdi illi meta konjuġi jkun irid jipproċedi b'kawża għas-separazzjoni personali huwa l-ewwel għandu jitlob l-awtorità tal-Qorti biex jagħmel dan billi jippreżenta ittra li permezz tagħha tintalab l-awtorizzazzjoni msemmija.

Imbagħad Regolament 11 jipprovdi illi malli l-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux għal ftehim wara li jkunu għaddew mill-proċess tal-medjazzjoni l-Qorti għandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proċeduri jew fi żmien xahrejn, jew inkella fi żmien perjodu itwal jekk jkun hemm raġuni gravi għal dan.

Il-konvenut jisħaq illi ġaladarba l-attriċi la talbet l-awtorizzazzjoni fl-ittra tagħha u lanqas ma kisbet l-awtorizzazzjoni mill-Qorti fid-digriet li bih il-Qorti għalqet il-medjazzjoni, allura it-talba odjerna hija nulla u monka. Huwa jgħid illi ġaladarba l-leġislatur jagħmel użu mill-frażi «għandha tawtorizza» dan ifisser li jekk ma jkunx hemm awtorizzazzjoni ma jistax ikun hemm proċeduri fil-kontenzjuż.

Wara li l-Qorti qieset bir-reqqa l-argument sollevat mill-konvenut hija tal-fehma illi l-proċess ta' medjazzjoni huwa proċess regolat mil-Leġislazzjoni Maltija, u liema proċess huwa sorveljat mill-Qorti tal-Familja, fejn fl-aħjar ipoteżi, il-ftehim li jilħqu l-partijiet fil-proċess tal-medjazzjoni jkun wieħed regolat ai termini tal-Liġi Maltija u sottopost għall-iskrutinju tal-Qrati Maltin. Ġie diversi drabi ritenut mill-Qorti tal-Familja illi l-medjazzjoni hija l-ewwel pass fi proċeduri quddiemha, sew jekk dawn huma għal separazzjoni personali u sew jekk dawn ikunu jikkonċernaw il-kura u l-kustodja ta' tfal jew aċċess tat-tfal jew manteniment tal-istess, sew jekk fi żwieġ u sew fejn

ikun hemm relazzjoni intima bejn żewġ *partners* bla rabta ta' żwieġ.

Tenut kont ta' dan il-Qorti ma tikkondividix l-interpretazzjoni mogħtija mill-konvenut. Jibda biex jingħad illi l-medjazzjoni tifforma parti integrali minn proċess ġudizzjarju li l-għan tiegħu hu li l-partijiet f'relazzjoni jaslu biex jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom jew bi qbil bonarju fil-fażi tal-medjazzjoni, u jekk dan ifalli jgħaddu għall-fażi sussegwenti li hija kawża fil-kontenzjuż. Dan ifisser li l-proċess quddiem il-Qorti huwa il-konsegwenza naturali tal-falliment tal-medjazzjoni. Il-ħtieġa li jkun hemm l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tinbet mill-fatt illi l-proċess sa minn bidu tiegħu quddiem il-medjatur u aktar tard fil-kontenzjuż huwa kollu kemm hu taħt il-kappa u l-iskrutinju tal-Qorti bħala t-terz regolatur oġġettiv. Tant hu hekk illi meta jinqalgħu kwistjonijiet bejn il-partijiet li jkunu jirrikjedu attenzjoni immedjata u direzzjoni jew ordnijiet hija l-Qorti li tisma' u tagħti dawk id-direzzjonijiet u ordnijiet meħtieġa.

Madankollu l-involviment tal-Qorti ma għandux jiġi interpretat b'mod tant ristrett fis-sens li jekk fid-digriet tagħha l-Qorti ma tkunx awtorizzat speċifikament li jkun hemm it-tieni fażi tal-proċess u ċjoè l-fazi kontenzjuża, wara li tkun falliet il-medjazzjoni, wieħed ma jistax jipproċedi fil-kontenzjuż. Infatti ġie deċiż illi l-interpretazzjoni tal-liġijiet għandha dejjem tkun marbuta mal-finalità tagħha—«*M'għandiex tiġi interpretata b'mod assurd u bla sens u lanqas b'mod li tagħti lok għall-vessazzjoni bla raġuni b'applikazzjoni letterali li qatt ma setgħat [sic] kienet fil-ħsieb tal-leġislatur.*»[2]

[2]Carmel Zammit vs Anthony Sultana, Prim'Awla, deċiż fil-31 ta' Jannar, 1994.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi d-digriet tal-għeluq tal-medjazzjoni huwa meħtieġ għax mid-data ta' tali digriet jiskatta t-terminu ta' xahrejn għall-intavolar tal-kawża u ma tikkondividix l-argument sollevat mill-konvenut illi ġaladarba fid-digriet ma jkunx hemm speċifikatament imniżżel li l-Qorti qed tawtorizza lill-partijiet jipproċedu fil-kontenzjuż, allura il-partjiet ma jistgħux ikomplu bil-proċess litiġjuż. Dan għas-sempliċi raġuni illi kieku kellu jkun hekk kif qed jargumenta l-konvenut l-partijiet jispiċċaw mingħajr il-possibbilità li jipproċedu b'kawża u dan żgur li ma kienx l-intenzjoni tal-leġisltaur aktar u aktar meta *si tratta* ta' kwistjonijiet familjari fejn fost kwistjonijiet oħrajn il-*benessere* tal-ulied huwa suprem.

Din il-Qorti għal darb'oħra tisħaq li ġaladarba l-fażi kontenzjuża ssegwi l-fażi tal-medjazzjoni, u għalhekk hija min-natura tagħha l-pass naturali li jkun imiss meta l-medjazzjoni ma tirnexxix, in-nuqqas tal-awtorizzazzjoni espliċita min-naħa tal-Qorti ma jirrendix il-proċeduri nulli jew monki.

Lanqas ma jrieġi l-argument illi ġaladarba l-attriċi naqset milli titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti fl-ittra tagħha allura l-prodeċuri huma nulli. Il-Qorti tqis li huwa desiderabbli li l-awtorizzazzjoni tintalab, madankollu meta dan ma jsirx, tali nuqqas ma jġibx in-nullità tal-proċeduri.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut.

**DECIDE:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għall-motivi ġa espressi l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni.

Tordna il-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

Spejjeż ta' din is-sentenza preliminari jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur